**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI- PRESIDENT

ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF

ONOR. IMHALLEF GIOVANNI M. GRIXTI

Appell Nru. 39/2009

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Romeo Bone**

Seduta tal-20 ta' Marzu, 2024

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra Romeo Bone detentur tal-Karta tal-Identita' numru 195376M kif postulata fl-Att t'Akkuza Numru 39/2009 u li biha l-Avukat Generali talab li l-

akkuzat jinsab recidiv f'delitt, hati talli assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta u ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jitraffika medicna u droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicni Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni;

Rat n-nota tal-eccezzjonijiet preliminari mressqa mill-akkuzat fis-16 ta' Novembru, 2009 kontenenti tmien (8) eccezzjonijiet;

Rat illi b'nota tad-9 t'April, 2010, l-akkuzat irtira it-tielet (3) u t-tmien (8) eccezzjoni;

Rat illi b'sentenza ta' din il-Qorti tat-13 ta' Frar, 2019, l-ewwel eccezzjoni ghaddiet in gudikat;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-27 t'Ottubru, 2023 li biha l-Qorti osservat li l-ewwel (1) eccezzjoni ghaddiet in gudikat, astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tielet (3) u t-tmien (8) eccezzjonijiet stante li kienu ceduti u cahdet l-eccezzjonijiet l-ohra, jigifieri dawk numru 2,4,5,6 u 7;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Romeo Bone pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-1 ta' Novembru, 2023 li bih talab il-<u>varjazzjoni</u> tas-sentenza tal-Qorti Kriminali billi din il-Qorti, filwaqt illi <u>tikkonfermaha</u> f'dik il-parti taghha fejn asjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet numru 3 u 8 stante li dawn kienu rtirati u f'dik il-parti taghha fejn cahdet l-eccezzjonijiet numru 2, 4, 5 u 6, u <u>thassarha u tirrevokaha</u> f'dik il-parti taghha fejn cahdet l-eccezzjoni numru 7 u konsegwentement tghaddi sabiex tilqa' l-istess eccezzjoni;

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti fis-17 ta' Jannar, 2024 li biha, ghar-ragunijiet hemm premessi, wiegebet li l-appell tal-appellant ghandu jkun michud u li s-sentenza appellata ghandha tkun konfermata;

Rat illi fl-udjenza tal-24 ta' Jannar, 2024, dan l-appell thalla ghas-sentenza ghal-lum;

Rat l-atti kollha;

**Ikkunsidrat**:

1. Dan l-appell huwa limitat ghal dik il-parti tas-sentenza tal-Qorti Kriminali rigward l-eccezzjoni preliminari numru sebgha (7) fin-nota tal-eccezzjonijiet preliminari mressqa mill-akkuzat fis-16 ta' Novembru, 2009. Din l-eccezzjoni taqra hekk:

> "Mingħajr preġudizzju għall-ewwel tlett eċċezzjonijiet, l-inammissibilita' tal-istqarrijiet ta' Anthony Gatt, Isaac Chetcuti, Juma Said Karfoosh, Yvette Muscat, Trudy Testa, Charles Steven Muscat, Emanuel Camilleri, John Camilleri, Suzanne Abela, Alfred Bugeja, Albert Bugeja, Noel Borg, Daniel Victor Bonnici, Carmen Armeni, Sylvana Bugeja, Emanuela sive Mona Camilleri, Pierre Camilleri u Mario Camilleri;"

2. Il-Qorti Kriminali ddecidiet hekk dwar din l-eccezzjoni:

> Illi l-Avukat Ġenerali iserraħ ix-xilja tal-akkużat bir-reat tal-assoċjazzjoni kriminali fuq allegat ftehim li kien hemm fuq saqajh bejn l-akkużat u diversi nies sabiex tiġi importata id-droga ġewwa Malta. Dan il-ftehim seħħ kollu kemm hu hawn Malta tant illi l-pulizija maltija interċettat lill-persuni involuti f'din l-allegata

konġura kriminali, li b'kollox kienu dsatax, fejn uħud minnhom saħansitra kienu jinsabu inkarċerati fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, u ittieħdu passi kriminali kontrihom. Id-droga kellha tingieb mill-Olanda, tiġi mehuda l-Italja preċisament ġewwa Catania, fejn minn hemmhekk kellha tiġi ittrasporata lejn Malta. L-akkużat huwa mixli li kien involut fl-akkwist u t-trasport ta' din id-droga u dan f'żewġ okkażjonijiet distinti. Illi l-investigazjoni tal-pulizija kienet waħda wiesgħa tant illi ġew mitkellma numru ta' nies li ukoll spiċċaw mixlija il-qorti bil-parteċipazzjoni f'din l-għaqda kriminali. Illum jidher illi il-proċess penali fil-konfront tal-maġġior parti tagħhom għadda in ġudikat, b'oħrajn ikunu estinti stante il-mewt ta' xi akkużati, fosthom ta' dak li kien akkużat flimkien ma' Bone f'dawn il-proċeduri, bil-proċess penali kontra ċertu Isaac Chetcuti u Daniel Victor Bonnici jinsabu pendenti, apparti dak odjern.

Issa l-persuni kollha ndikati mill-akkużat f'din l-eċċezzjoni kollha irrilaxxaw stqarrija lil pulizija mal-arrest tagħhom, liema stqarrijiet huma eżebiti in atti. Huma wkoll xhieda indikati mill-Prosekuzzjoni fil-Lista tax-Xhieda annessa mal-Att ta'l-Akkuża. L-Avukat Ġenerali jikkontendi illi din l-evidenza għandha tibqa' in atti, u dan ai fini ta' kontroll fl-eventwalita' illi dawn jitilgħu jixhdu fil-ġuri.

Issa huwa prinċipju stabbilit tad-dritt penali illi il-ko-akkużat ma huwiex xhud kompetenti biex jixhed fil-proċeduri penali kontra l-ko-akkużat tiegħu, u dan qabel il-każ tiegħu igħaddi in ġudikat. Ukoll l-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali jitkellem dwar il-konfessjoni magħmula mill-awtur ta' reat kriminali li tista' tinġieb bħala prova fil-proċess kriminali BISS kontra dik il-persuna, u allura ma tiswiex bħala prova kontra xi persuna jew persuni oħra li jistgħu jissemmew f'dik il-konfessjoni u li allura jistgħu jkunu ġew implikati fil-kummissjoni tar-reat.

Il-posizzjoni dwar in-nuqqas ta' kompetenza ta' ko-akkużat milli jixhed fi proċeduri kontra ko-akkużat ieħor meta l-każ tiegħu jkun għadu ma għaddiex in ġudizzju hija bażata fuq tagħlim ġurisprudenzjali kostanti.

"ir-regola .... li l-ko-akkuzat ma hux xhud kompetenti favur jew kontra l-ko-akkuzat l-iehor jew il-ko-akkuzati l-ohra... hi desunta a

contrario sensu minn dak li jipprovdi l-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali, u giet kostantement applikata mill-qrati taghna, fis-sens li l-ko-akkuzat isir xhud kompetenti fir-rigward ta' ko-akkuzat iehor biss wara li l-kaz fil-konfront tieghu jkun gie definittivament deciz (ara f'dan is-sens Sua Maesta` il Re v. Carmelo Cutajar ed altri Qorti Kriminali, 18 ta' Jannar, 1927; Il-Pulizija v. Toni Pisani Appell Kriminali, 11 ta' Novembru, 1944; Il-Maesta` Tieghu ir-Re v. Karmenu Vella Qorti Kriminali, 3 ta' Dicembru, 1947; The Police v. Alfred W. Luck et. Appell Kriminali, 25 ta' April, 1949; Ir-Repubblika ta' Malta v. Faustino Barbara Appell Kriminali, 19 ta' Jannar, 1996; Il-Pulizija v. Naser Eshtewi Be Hag et. Appell Kriminali, 2 ta' Frar, 1996; Il-Pulizija v. Carmelo Camilleri u Theresa Agius Appell Kriminali, 11 ta' Lulju, 1997; u passim Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Zammit et. Appell Kriminali, 31 ta' Lulju, 1998) .
Issa huwa indubitat illi ma hemm l-ebda ostakolu għall-ammissibilita' ta' dawn in-nies bħala xhieda. Kif lanqas hemm dubbju illi minn natura tagħhom stess dawn għandhom jitqiesu bħala xhieda li huma rilevanti għall-każ, bid-depożizzjoni tagħhom titqies bħala "relevant to the fact in issue".

Illi dan magħdud, madanakollu sakemm il-proċess penali fil-konfront tal-ko-akkużati ma jgħaddiex in ġudikat dawn l-istqarrijiet ma jistgħux jinġiebu bħala prova mill-Prosekuzzjoni. Illi imbagħad, l-artikolu 646 tal-Kodiċi Kriminali jistabbilixxi bħala regola illi x-xhieda jridu jinġiebu fil-qorti biex jixhdu viva voce. Illi l-unika deroga għal din ir-regola hija biss f'dawk iċ-ċirkostanzi indikati fis-sub-inċiż (2) tiegħu u ċioe' meta x-xhud ikun mejjet jew inkella meta jkun siefer jew ma jistax jinstab. Illi r-regola mfassla fl-imsemmi artiokolu 646 tipprovdi għalhekk is-salvagwardja għat-tħaris b'mod sħiħ tal-jedd tal-akkużat għal smigħ xieraq, bid-difiża ikollha d-dritt ta' kontroll fuq dak mistqarr mix-xhud li jrid jinġieb fil-qorti biex jixhed u biex isirlu l-kontro-eżami.

Illi l-QEDB fil-kawza Kostovski v. Netherlands (20 ta' Novembru, 1989) qalet li d-dritt ta' akkuzat li jikkonfronta xhud miġjub kontra tiegħu "does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As

a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings."

> "93. The Court reiterates that the term "witness" has an "autonomous" meaning in the Convention system. Thus, where a deposition may serve to a material degree as the basis for a conviction, then, irrespective of whether it was made by a witness in the strict sense or by a co-accused, it constitutes evidence for the prosecution to which the guarantees provided by Article 6 §§ 1 and 3 (d) of the Convention apply (see Lucà, cited above, § 41, and Rudnichenko v. Ukraine, no. 2775/07, § 102, 11 July 2013). Alleged accomplices in an offence (convicted in prior proceedings) are also to be regarded as witnesses, for the purposes of Article 6 § 3 (d), when their statements are brought before the court who takes account of them in deciding the case against the applicants (see Mild and Virtanen v. Finland, nos. 39481/98 and 40227/98, § 43, 26 July 2005).
>
> ......
>
> 96. In this connection, the Court observes that the wording of Article 6 § 3 (d) provides "for an accused to examine or have examined witnesses against him". In the Court's view once a co-accused or other accomplice makes statements incriminating another person (i.e. the accused), the former inevitably becomes "a witness against him" and should expect to be confronted by the accused as well as to be compelled to appear at trial for such purpose. Indeed, the absence under national legislation of any means to ensure the attendance of the accusers (charged with the same crime), for the purposes of examination, can be considered inadequate and can contribute to a finding of a violation of the rights of the accused (see, for example, Mild and Virtanen, cited above, §§ 46-48). However, the Court emphasizes that the status of "witness" given to a co-accused or an alleged accomplice (tried separately) does not detract from their own rights as accused persons or criminal suspects, including that of the privilege against self incrimination (see, by implication, Cabral, cited above § 34). Indeed, such witnesses may be compelled to appear for the purposes of cross examination but they cannot be compelled to give evidence. "

Illi allura spjanati dawn il-prinċipji ta' dritt u l-interpretazzjoni ġurisprudenzjali lilhom mogħtija, l-Qorti ma tistax taqbel mal-fehma tal-akkużat illi din il-prova magħmula mill-Prosekuzzjoni permezz ta'l-istqarrijiet tal-ko-akkużati jew tad-dikjarazzjonijiet minnhom magħmula huma f'dan l-istadju inammissibbli bħala prova, billi mill-mument illi l-każ tagħhom igħaddi in ġudikat huma jsiru competent and compellable witnesses fil-konfront tal-appellant u kwindi bil-jedd tal-Prosekuzzjoni li jekk tħoss il-ħtieġa tikkonfrontahom bid-dikjarzzjonijiet jew stqarrijiet magħmula minnhom. Illi kif diġa' ingħad fil-konfront tal-maġġior parti ta' dawn ix-xhieda llum l-proċess penali kontra tagħhom intemm bl-aħħar ġudizzju ingħata fil-konfront ta' Yvette Muscat, Trudy Testa, Pierre Camilleri, Carmen Armeni, Sylvana Bugeja, Juma Said Karfoosh, Suzanne Abela, Albert Bugeja fit-13 ta' Settembru 2023, b' Pierre Camilleri, Mario Camilleri u Juma Said Karfoosh huma llum defunti, u bil-proċeduri fil-konfront tax-xhieda l-oħra indikati, għajr għal Isaac Chetcuti u Daniel Victor Bonnici, ukoll llum deċiżi.

Illi allura f'dan l-istadju dawn l-istqarrijiet ma jistgħux jkunu iddikjarati inammissibbli b'dan illi għandhom jitħarsu il-jeddijiet tal-akkużat għall-kontradittorju fl-eventwalita illi dawn jkunu murija lil ġurija meta x-xhieda, li kienu ko-akkużati mal-akkużat jsiru xhieda kompetenti u jinġiebu biex jixhdu fil-ġuri. Għal dawn il-motivi din l-eċċezzjoni qed tkun miċħuda, salv dak hawn fuq deċiż.

3. Illi l-akkuzat jilmenta minn din is-sentenza, ossia l-parti tas-sentenza li biha kienet michuda s-seba' eccezzjoni tieghu, bil-gravam singolari li d-decizjoni impunjata mhix konformi mal-principji stabbiliti fil-gurisprudenza. Ghall-ahjar intendiment, l-aggravju qed ikun riprodott fl-intier tieghu:

Illi l-**aggravju** huwa car u manifest u huwa limitat ghac-cahda tal-eccezzjoni numru 7. Din l-eccezzjoni tikkoncerna il-fatt illi fl-atti hemm stqarrijiet tal-persuni li wkoll kienu gew investigati u interrogati f'dan il-kaz u li sussegwentement fil-konfront taghhom

kienu gew istitwiti proceduri kriminali. B'kollox fil-fatt kienu tressqu il-Qorti 19 il-persuna, fosthom l-esponent. Issa dawn il-pesuni kienu kollha akkuzati flimkien fl-istess proceduri. Kien biss meta ntemmet il-kumpilazzjoni li dawn il-persuni, ghalkemm baqghu ko-akkuzati ma baqghux ko-akkuzati fl-istess proceduri. Dan sehh ghax fil-konfront ta' xi whud l-Avukat Generali ghazel li jibghat kontro ordni u l-kaz taghhom gie deciz mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Fil-kaz ta' l-ohrajn, fosthom l-esponent, l-Avukat Generali pprezenta att ta' akkuza fejn allura l-kaz kien ser jigi deciz mill-Qorti Kriminali.

Illi ghalhekk l-istqarrijiet li hemm fl-atti jinsabu f'dawn l-atti semplicement ghaliex originarjament id-19 il-persuna mressqa kienu kollha akkuzati flimkien fl-istess proceduri. Issa talli stqarrijiet qatt ma kienu meqjusin fil-Qrati taghna bhala li ghandhom valur probatorju. Il-gurisprudenza hija kostanti fuq dan il-punt u tali stqarrijiet jistghu jintuzaw biss fl-eventwalita li ikun hemm bzonn li tikkontrolla xhud jekk ikun qieghed jixhed b'mod differenti minn dak li setgha stqarr qabel. F'dan il-kaz dan ma garax u allura l-argument li dawn l-istqarrijiet ghandhom jibqghu fl-atti ghal finijiet ta' kontroll ta' xi haga li ghada ma gratx m'hijiex konformi mal-principji stabbiliti fil-gurisprudenza.

4. Illi l-Avukat Generali wiegbet ghal dan il-gravam bil-mod segwenti (anke jekk erronjament indikat illi r-risposta tahha hija dwar l-aggravju fuq l-ewwel eccezzjoni):

Illi l-aggravju tal-appellant jikkoncerna l-fatt li galadarba l-persuni li rrilaxxaw tali stqarrijiet qatt ma xehdu f'dawn il-proceduri allura l-prosekuzzjoni ma tistghax titlob, jekk thoss li huwa l-kaz, li jitilghu

jixhdu fil-guri dana meta f'dan l-istadju lkoll huma kompetenti jaghmlu dan.

Illi l-esponent jerga jtenni li tali stqrrijiet ghandhom jibqghu fl-atti strettament f'kaz u/jew fl-eventwalita' li xi hadd minn dawn il-persuni jitla' jixhed u dan ghal fini ta' kontroll. Illi hemm qbil li l-istqarrijiet wahedhom ma ghandu jkollhom l-ebda valur probatorju. Illi dan kollu huwa rifless fis-sentenza tal-Qorti Kriminali b'dana li l-esponent mghandu xejn x'izid ma tali decizjoni.

**Ikkunsidrat**:

5. Illi kwantu dan il-gravam huwa msejjes fuq il-premessa li s-sentenza tal-ewwel Qorti mhix konsonanti mal-gurisprudenza, huwa destinat li jfalli minnufih. Huwa palezi u ma jehtieg ebda konvinciment mod iehor li l-Qrati taghna mhumhiex marbutin li jiddeciedu l-kawzi fuq bazi ta' precedenza ghaliex fis-sistema guridku taghna l-gurisprudenza ghandha r-rwol uniku propjru ta' gurisprudenza u mhuhiex *stare decisis* fejn il-precedent huwa vinkolanti. Konsegwenza ta' dan, is-sentenzi tal-qrati huma ta' utilita' fl-isvolgiment tal-argumenti legali mressqa u jistghu jaqdu l-ghan tal-konvinciment izda ma jistghux jorbtu idejn il-Qrati milli jiddeciedu mod iehor minn dak hekk deciz sa dakinhar. Ezempju l-aktar ricenti ta' dan huma d-decizjonijiet tal-Qrati taghna li jirrigwardaw l-ammissibilita' ta' stqarrijiet mehuda minghjar assistenza legali sia fil-kamp kriminali kif ukoll dak kostituzzjonali;

6. Illi tajjeb li jkun osservat ukoll illi minkejja li l-appellant jallega illi d-decizjoni tal-Qorti Kriminali mhix

konformi mal-gurisprudenza huwa ma jiccita ebda ezemplari fejn kien deciz mod iehor. Dan jokkorri sia fir-rikors tal-appell tieghu kif ukoll fis-sottomissjonijiet maghmula quddiem l-ewwel Qorti. Inoltre, fl-udjenza tat-28 ta' Lulju, 2023 quddiem il-Qorti Kriminali, l-Avukat rapprezentati l-Ufficcju tal-Avukat Generali ssenjala "*Imma ahna ogni caso f'dan il-kaz, dejjem qed nghidu, hemm irrispettivament f'liema stadju ikunu qeghdin kemm il-darba l-istqarrijiet, verament qeghdin fl-atti, iva dawn jintuzaw biss, kemm il-darba l-imsemmija persuni, jitilghu fuq il-pedana tax-xhud u jixhdu, igifieri qeghdin hemm hekk biss, ha jkunu hemm hekk biss, ghall-fini ta' kontroll, jekk dejjem dak ix-xhud ha jitla jixhed. Jekk mhux se jitla jixhed, qeghda wkoll fir-risposta, dawk l-istqarrijiet ovvjament, m'ghandhom ikunu akkonjizzjoni tal-gurati igifieri*". L-abbli difensur tal-appellant qabel ma' dan meta ddikjara: " *Naqblu. Uhud, hemm xi ohrjan illi mietu*" (fol 344 tal-atti processwali). Minkejja dan, il-Qorti xorta wahda ser tezamina l-lanjanza tal-appellant fil-kunsederazzjonijiet li jsegwu;

7. Illi ventilat dan, minn ezami akkurat tal-parti rilevanti tas-sentenza appellata huwa manifestament evidenti illi l-ewwel Qorti mxiet fuq l-insenjament gurisprudenzjali vinkolanti l-*quid juris* tal-istat tal-ko-akkuzzat jew il-ko-awtur. Brevement rakkontati l-fatti dwar dan l-incident, jinghad illi originarjament l-akkuzat tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fimkien ma' diversi persuni ohra. Fil-kors tal-Istruttorja, l-Avukat Generali ghazel illi johrog Att ta' Akkuza kontra l-appellant flimkien ma' Mario Camilleri li miet fil-mori filwaqt illi uhud

mill-imputati l-ohra ghaddew proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati fil-kompetenza taghha ta' Gudikatura Kriminali jew inhareg Att ta' Akkuza fil-konfront taghhom u jidher li mhux kull kawza ghaddiet in gudikat. L-ebda wahda minn dawk il-persuni, izda, ma xehdet fil-procedura kontra l-appellant ghad illi l-prosekuzzjoni ezebiet stqarrija ta' kull wiehed u wahda minnhom fl-atti processwali odjerni. L-eccezzjoni tal-akkuzat hija arginata b'mod li dawn l-istqarrijiet ma jistghux jintuzaw fil-guri kontra l-appellant ghaliex l-awturi taghhom mhumhiex xhieda ammissibbli stante li huma ko-akkuzati u/jew ko-awturi;

8. Ghal ahjar intendiment qed ikun affermat illi l-persuni msemmija f'din l-eccezzjoni <u>qatt</u> ma xehdu fil-proceduri kontra l-appellant. Minkejja dan huma mnizzla bhala xhieda fil-lista ta' xhieda mal-Att ta' Akkuza. Ifisser dan, illi l-istqarriet taghhom qatt ma jistghu jkunu prodotti bhala prova la ghaliex ma jkunux xiehdu quddiem il-guri (sia ghaliex il-kawza taghhom ma tkunx ghadha ghaddiet in gudikat, kif ukoll ghaliex huma assenti jew decessi). Tant hu hekk illi kif tajjeb spjegat fis-sentenza **Repubblika ta' Malta vs Francis Casalletto** – App Krim 22.3.1985 "<u>La darba xehed viva voce quddiem l-Istruttorja</u> jerga' jixhed viva voce quddiem il-guri, jekk ma jistghax, tinqara x-xhieda tieghu u l-istqarrija li jkun ta qabel il-proceduri tista' tintuza ghal-fini ta' kontroll." (Enfasi ta' din il-Qorti). Dan gia ghandu jiswa sabiex jiccara l-qaghda tal-istqarrijiet lamentati;

9. Tosserva ukoll din il-Qorti illi fil-kawza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Zammit et** (App Krim 31 ta' Lulju

1998) kien ritenut illi "*Persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz. Dana l-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun akkuzata fl-istess kawza ta' l-akkuzat l-iehor – b'mod li jkun hemm ko-akkuzat fil-veru sens tal-kelma – sia jekk tkun giet akkuzata fi proceduri separati. Fi kliem il-kompjant Imhallef William Harding: Maltese law, in fact, section 632, Chapter 12 [illum 636, Kap 9], considers as incompetent to give evidence (except, of course, on his own behalf) anyone charged with the same offence in respect of which his deposition is required, unless the proceedings against him are put an end to … (P vs Alfred W Luck et App Krim 25/04/1949)" ;*

10. Tosserva inoltre l-Qorti illi fis-sottomissjoniet tieghu lura fl-20 ta' Mejju, 2010 ( fol 51 sa 60) l-Avukat Generali kien ukoll ssenjala gurisprudenza in sostenn tal-insistenza tieghu li dawn l-istqarrijiet jibqghu in atti ghal-fini ta kontroll meta osserva hekk: "Illi jekk nghamlu referenza ghal gurisprudenza nostrana fuq dan il-punt naraw illi '***Stqarrijiet ta' xhud tista' tintuza biss ghall-fini ta' kontroll ta' dak ix-xhud minhabba l-kredibilita' tieghu*** *(Pulizija vs Alfred Custo datata 10.7.1998 u deciza mill-Imhallef Dr. Patrick Vella fil-Qorti tal-appell Kriminali Sede Inferjuri). Jinghad ukoll illi '**Il-parti li ggib ix-xhud ma tistax tattakka l-kredibilita' tieghu bi prova ohra tal-kondotta hazina tieghu, izda hija tista' tikkontradicih bi prova ohra, u tista ukoll tipprova li f'okkazzjonijiet ohra huwa kien ghamel dikjarazzjonijiet li ma jaqblux***

***max-xhieda li jkun qieghed jaghti u dan purche' li jigu osservati l-modalitajiet imposti bl-artikolu 586 tal-Kap 12'*** (Repubblika ta' Malta vs Francis sive Cikku Attard deciza fil-31 ta' Lulju 1990 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Superjuri ppreseduta mill-Imhallef Hugh Harding, l-Imhallef Joseph A. Herrera u l-Imhallef Carmel A. Agius)";

11. Il-Qorti tissokta zzid illi din hija l-posizzjoni legali li sal-lum hija addottata mill-Qrati taghna anke f'sede inferjuri u hawn taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-6 t'Ottubru, 2016 fl-ismijiet **Il-Pulzija vs Francis Formosa** Rik 457/2014.

12. Tosserva ukoll din il-Qorti illi fis-sentenza taghha, l-Qorti Kriminali ezaminat il-kwistjoni anke mill-ottika tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem u ccitat sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Kostovski v. Netherlands** tal-20 ta' Novembru, 1989) li sabet li ma jkun hemm ebda lezjoni tal-jeddijiet fundamentali fl-uzu ta' stqarrijiet f'cirkostanzi simili ghal kwisjtoni in disamina;

13. Illi s-sentenza tal-ewwel Qorti ghandha titiqes bhala regolanti l-uzu ta' dawn l-istqarrijiet fil-kaz, unikament, li l-awturi taghhom jittellghu bhala xhieda u jiddeponu b'mod illi jkun mehtieg li jkunu konfrontati bid-dikjarazzjonijiet minnhom precedentement maghmula li jinstabu f'dawn l-istqarrijiet. L-appellant ghandu l-konfort li s-sentenza taghmilha cara li dawn l-istqarrijiet ma ghandhomx jingiebu a konjizzjoni tal-gurati bhala parti mill-provi u fl-istess waqt, la darba l-appellant huwa fil-pussess ta' dawn l-istqarrijiet,

huwa fil-qaghda li jikkontrolla hu stess fil-kaz li xi wiehed jew aktar minn dawn ix-xhieda jiddeponi b'mod kuntrarju ghal dak minnu jew minnha dikjarat precedentement. Finalment, is-sentenza sservi ukoll l-ghan li tevita dik is-sitwazzjoni ferm odjuza li tohloq sorpriza fuq il-partijiet waqt ic-celebrazzjoni tal-guri;

**14. Ghal dawn ir-ragunijiet, taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell. Tordna li l-atti jkunu rimessi lill-Qorti Kriminali sabiex tissokta bis-smiegh tal-kawza.**